

# “L-Ispirtu u l-Għarusa jgħidu: ‘Ejja!’”

*(Ap 22,17)*

**Sussidju għall-Avvent**
**Djoċesi ta’ Għawdex (2006)**

# “L-Ispirtu u l-Għarusa jgħidu: ‘Ejja!’”

*(Ap 22,17)*

**Sussidju għall-Avvent**

**Djoċesi ta’ Għawdex**
**2006**

# 1. Tħabbira tal-Avvent

## 1.1. AVVENT - ADVENTUS

Għall-Pagani kienet tfisser id-dehra ta' xi alla fit-tempju, fil-ġurnata tal-festa tiegħu.

Meta fl-Imperu ta' Ruma, lill-Imperatur bdew iqisuh xi alla, l-anniversarju tal-bidu tal-ħakma tiegħu jew l-ewwel żjara uffiċċjali tiegħu f'xi belt kbira ta' l-imperu bdiet tissejjaħ ukoll "*Adventus*"

Il-Knisja f'Ruma, meta daħħlet il-Festa tal-Milied fil-Liturġija tagħha, użat il-kelma "*Adventus*" biex tfisser id-dħul tal-Feddej bħala bniedem.

Sa mill-bidu, il-festa kbira tas-sena kienet l-Għid il-Kbir. Fost l-insara kienet għadha mxerrda ħafna l-fehma li l-Mulej kien se jerġà' jiġi fil-lejl qaddis tal-Għid. Minħabba f'hekk il-kelma "Adventus" bdiet tfisser ukoll l-istennija tal-poplu ta' Alla għat-tieni miġja tal-Mulej fil-glorja.

Bil-mod il-mod, il-kelma "Adventus" fil-Latin tal-Knisja, bdiet tfisser iż-żmien ta' tħejjija li jiġi qabel il-Milied.

## 1.2. AVVENT fil-Knisja

Missirijiet il-Knisja għenu ħafna, permezz ta' l-Omeliji tagħhom biex setgħet isseħħ il-bidla fit-tifsira ta' l-Avvent. Il-Milied ma baqax jiġi meqjus bħala l-miġja tal-Mulej, umli u fqir f'għar qrib Betlehem, imma wkoll bħala l-miġja tiegħu b'setgħa u qawwa ta' Sultan kbir, Sultan tal-glorja, kollu sebħ u dija. Għalhekk bir-raġun kollu, kif jistqarr San Ċirillu, isqof ta' Ġerusalemm, "*Aħna fl-Avvent inħabbru l-miġja ta' Kristu, sewwa sew mhux waħda, iżda oħra wkoll, wisq isbaħ mill-ewwel waħda. Infatti għalhekk aħna, ma nserrħux rasna bl-ewwel miġja biss, imma nistennew it-tieni wkoll. U bħalma fl-ewwel waħda qalulu: 'Imbierek min ġej f'isem il-Mulej', hekk ukoll aħna wkoll nerġgħu ngħidulu fl-oħra meta niltaqgħu mal-Mulej flimkien ma' l-anġli, ninxteħtu nqimuh u ngħidulu: 'Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.'*"

## 1.3. Meta daħal l-Avvent fil-Liturġija tal-Knisja?

Ma nafux sewwa meta daħal. X'aktarx daħal wara li kienet daħlet il-festa tal-Milied.

Il-Milied kien għalihom il-miġja tal-Messija, tas-Salvatur. Id-dinja kienet ilħa tistenniħa mijiet u mijiet ta' snin. Il-Patt il-Qadim, kollu kemm, hu tħejjija għal din il-miġja.

Għalhekk kienet ħaġa flokha li l-Insara jħejju ruħhom għaliha.

- Il-Knisja ta' Ruma daħħlet il-fehma li l-Avvent huwa żmien li fih il-Knisja tistenna l-miġja mill-ġdid tal-Mulej, bħala Sultan tal-Glorja, mhux biss fil-ġranet tal-Milied, imma wkoll fit-tmiem ta' kollox.

- Fl-Avvent, il-Knisja turina t-tama ħerqana għall-miġja tal-Mulej bi kliem kollu ħeġġà tal-Profeta Isaija; u bil-kliem ta' San Ġwann Battista, li kien jistieden lin-nies li kienu jmorru jisimgħuh fi xtut il-Ġordan biex iħejju triq lill-Mulej u jwittulu l-mogħdijiet tiegħu.

- Fl-istess waqt il-Knisja tistedinna nissieħbu mal-Verġni Marija ħalli naqsmu magħha l-ħsibijiet u x-xewqat kollha tagħha fil-ġranet qabel it-twelid ta' Binha Ġesù.

## 1.4. AVVENT - Iż-Żmien ta' Kristu: Il-Miġja doppja

- L-istennija tal-Parousia (testi messjaniċi eskatoloġiċi tal-Ant. Testment)

- Il-prospettiva tal-Milied (tiġdid ta' memorji dwar wegħdiet li seħħew)

- It-tema ta' l-istennija hi mgħixa fil-Knisja bl-istess talba li kienet tinstema' fil-ġemgħat insara primittivi : *il-Marana Tha'* (Ejja Mulej) jew *Maran atha'* (Il-Mulej ġej) - testi ta' San Pawl (1 Kor 16,22) u ta' l-Apokalissi (Apok 22,20)

- L-istennija tal-Messija u l-kommemorazzjoni tat-tħejjijiet għal din il-ġrajja salvifika issib il-milja tagħha fil-jiem ferjali li jiġu qabel il-Milied.

- Il-Knisja tħossha mgħaddsa fil-qari profetiku ta' orakli messjaniċi.
  Hija tfakkar lill-**Missirijietna** fil-fidi, patrijarki u profeti
  Tisma' lil Isaija
  Tiftakar fin-nukleu żgħir ta' l-anuwin ta' Jaħveħ (Żakkarija, Eliżabetta, Ġwanni, Ġużeppi u Marija)

- IL-KNISJA TA' LLUM tħares lejn l-Avvent bħala kixfa mill-ġdid taċ-**ċentralità ta' Kristu** fl-istorja tas-salvazzjoni. Permezz tal-qari bibbliku u l-antifoni jerġgħu jiġu mfakkra t-titli messjaniċi: Messija, Ħellies, Salvatur, il-Mistenni mill-:nus, l-Imħabbar mill-Profeti.

- L-Avvent, għalina l-insara, m'għandux ikun biss l-erbgħa ġimgħat li l-Knisja toffrilna biex ngħixu f'dan iż-żmien, iżda għandna nagħmlu minn ħajjitna Avvent wieħed kontinwu, kif ta' sikwit nistqarru waqt iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, wara l-mument tal-Konsagrazzjoni. "*Inħabbru l-mewt tiegħek Mulej, inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek, nistennewk sa' ma' tiġi fil-glorja*". Għan-nisrani, għalhekk, il-ħajja kollha kemm hi, hija stennija attiva. Hu l-mument li wieħed jitħejja b'għemejjel tajba għall-Mulej li ġej, kif tfakkarna t-talba tal-bidu tal-quddiesa fl-ewwel Ħadd ta' l-Avvent: "*Qanqal fil-fidili tiegħek ir-rieda li bis-saħħa ta' għemejjel tajba, joħorġu jiltaqgħu ma Ibnek li ġej, biex jissieħbu miegħu fil-leminija tiegħu u jistħoqqilhom jiksbu s-saltna tas-Sema.*"

## 1.5. AVVENT - Żmien ta' l-Ispirtu - il-Prekursur tal-Prekursuri

Il-veru "*Prodomos*" moħbi, il-Prekursur ta' Kristu fl-ewwel miġja tiegħu huwa l-Ispirtu s-Santu.

Huwa diġà l-Prekursur tat-Tieni miġja. Hu tkellem b'fomm il-profeti u nebbaħ l-orakli messjaniċi. Ħabbar minn qabel il-ferħ tal-miġja ta' Kristu fil-protagonisti, bħalma huma Żakkarija, Eliżabbetta, Ġwanni l-Battista, Marija. Il-Vanġelu ta' Luqa juri dan il-ferħ fl-ewwel kapitlu; bħallikieku sseħħ minn qabel il-ġrajja ta' Pentekoste għall-aħħar personaġġi tal-Antik Testment. Il-Benedictus u l-Magnificat huma prova ta' dan. Il-Knisja, tista' titlob "Ejja Mulej Ġesu", għax hi l-għarusa tal-Ispirtu s-Santu.

Il-"Prekursuri" ta' Kristu llum iridu jimitaw lill-Prekursur tal-Messija (Ġwanni Battista), iżda jridu fuq kollox ma jinsew qatt il-"Prekursur" li hu l-Ispirtu s-Santu ta' l-Avvent.

## 1.6. AVVENT - Żmien ta' Marija - il-Verġni fl-Istennija

Sa mill-ewwel jiem ta' l-Avvent insibu elementi li jfakkru l-istennija u l-laqgħa tal-misteru ta' Kristu mill-Verġni Marija.

Is-Solennità ta' l-Immakulata issib postha bħala "tħejjija radikali għall-miġja tas-Salvatur, u l-eżordju feliċi tal-Knisja bla tebgħa jew tikmixa.

Marija hija l-mudell tal-Knisja fl-istennija, Marija hija il-Verġni ta' l-Avvent.
Żewġ dimensjonijiet - preżenża + eżemplarità

- Preżenża liturġika fil-kelma u fit-talb
- Eżemplarità - il-Knisja timita lil Marija biex tgħix il-preżenża ta' Kristu.

## 1.7. AVVENT - Żmien il-Knisja Missjunarja u Pellegrina

<u>Il-Knisja titlob sabiex ikun Avvent sħiħ u definittiv</u>, għall-miġja ta' Kristu fost il-bnedmin kollha tad-dinja li għadhom sa llum ma jagħrfux bħala l-Messija u l-Uniku Salvatur.

F'dinja mimlija bi gwerer u ġlied, l-esperjenża tal-Poplu ta' Iżrael u l-istennijiet messjaniċi, l-immaġini utopiċi tal-paċi u tal-konkordja, isiru realtajiet fl-istorja tal-Knisja ta' llum, li tgħożż fiha l-"profeziji" attwali tal-Messija Ħellies.

## 1.8. Il-Qari tal-Ħdud tal-Avvent – Sena Ċ

| | L-Ewwel Qari | It-Tieni Qari | Il-Vanġelu |
|---|---|---|---|
| 1 | Ir-rimja ta' David<br><br>Ġer 33,14-16 | Nistennewh bil-ħerqa<br><br>1Tes 3,12-4,2 | Is-sinjali tat-tieni miġja<br><br>Lq 21,25-36 |
| 2 | Il-ferħ ta' Ġerusalemm<br><br>Bar 5,1-9 | Sħaħ għal jum il-Mulej<br><br>Fil 1,4-11 | Il-Prekursur<br><br>Lq 3,1-6 |
| 3 | Ifraħ, bint Sijon<br><br>Sof 3,14-18 | Ifirħu fil-Mulej<br><br>Fil 4,4-7 | Il-predikazzjoni tal-Battista<br><br>Lq 3,10-18 |
| 4 | Minn Betlehem tiġi s-salvazzjoni<br><br>Mik 5,2-5 | Ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek<br><br>Lhd 10,5-10 | Iż-żjara ta' Marija lil Eliżabbetta<br><br>Lq 1,39-48 |

# 2. Riflessjonijiet dwar il-Vanġelu tal-Ħdud tal-Avvent – Sena Ċ

## 2.1. L-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent

***"Ishru… u itolbu l-ħin kollu"* (Lq 21,25-36)**

Huwa diskors magħmul f'kuntest apokalittiku-eskatoloġiku li Luqa jaqsam f'sitt partijiet.

Il-Knisja hawn qed tħares lejn il-mixja ta' l-istorja tad-dinja u tapplikaha għall-ħajja tan-nisrani. Il-qerda tad-dinja hija miġbura f'żewġ sinjali kbar: il-waqgħa ta' Ġerusalem (fil-gwerra tas-sena 70) u l-instabilità tal-ħolqien, sinjali li minn żmien għal żmien jidhru fl-istorja, sinjali li huma preżenti wkoll fil-qalb ta' kull bniedem. It-traġedja ta' Ġerusalemm kienet għadha friska fil-moħħ tal-qarrejja: *"Meta mbagħad taraw 'il Ġerusalemm magħluqa minn kullimkien bl-eżerċti, tkunu tafu li l-qerda tagħha tkun waslet"* (Lq 21, 20).

"*U jkun hemm sinjali fix-xemx u l-qamar u l-kwiekeb… is-setgħat tas-smewwiet jitqallbu*" (Lq 21,25.26):
- Dak kollu li bl-għajnejn tagħna narawh bħala poter, kbir u meraviljuż (xemx, kwiekeb..) dan irid 'jitqalleb', jinbidel biex jagħmel wisa' lil Kristu li *"ġej fi sħaba, b'qawwa u glorja kbira"* (v. 27).
- Dak kollu li qabel, forsi b'mod inġenwu, konna nqisuh bħala 'tajjeb', irridu nerġgħu nirreveduh: *"Meta kont tarbija, kont nitkellem ta' tarbija, nħoss ta' tarbija, naħseb ta' tarbija. Meta sirt raġel warrabt dak li hu ta' tarbija."* (1 Kor 13, 11).

"*Il-ġnus fuq l-art, b'qalbhom ittaqtaq, ma jafux x'jaqbdu jagħmlu… in-nies ruħhom ħierġà bil-biża' billi jobsru x'ikun ġej fuq id-dinja…*" (Lq 21,26):
Huma s-sentimenti tal-bniedem li jakkompanjaw dan it-taqlib kollu u jsiru l-ispazju fejn tinbet u tikber it-Tama. Huwa fil-għarfien tal-fraġilità tagħna li aħna nistgħu nagħmlu l-esperjenza ta' l-istennija tal-miġja tal-Mulej. Kieku kollox kien sejjer sewwa għalina, kieku ma konniex nistgħu nixtieq ħwejjeg akbar.

"*Mbagħad jaraw lil Bin il-bniedem Ġej fi sħaba, b'qawwa u glorja kbira*" (v. 27):
Dak li kien inviżibbli isir viżibbli, *"Alla Magħna"* (Mt 1, 23). Il-wasla ta' Alla qatt ma hija wasla paċifika (ara Dan 7,9-14). L-aġir t'Alla fil-ħajja tagħna jġib it-taqlib (fil-konfront tal-bniedem il-qadim)… li mbagħad wara jinbidel f'armonija, fi glorja!! Kull avveniment li jakkompanja l-miġja ta' Bin il-bniedem fina (meta niskopru l-fallimenti, id-difetti, il-problemi, l-inkonsistenzi tagħna,…), tinfetaħ għalina t-triq tal-ħelsien. Kollox jinbidel f'xewqa għall-Messija: *Ejja Mulej Ġesu.*

Alla kapaċi jagħmel bidliet radikali fl-istorja tagħna. *"Is-sħaba"* fl-Antik Testment toqgħod fuq it-tinda u fuq it-tempju u tindika preżenza ġdida u effettiva t'Alla f'nofs il-poplu tiegħu bħala għajn ta' ġrazzja, barka u maħfra ( ara Es 40, 34-35).

"*Meta jibda jseħħ dan kollu, qumu u erfgħu raskom*". (Lq 21, 27b)
Ma' l-ewwel sinjali (ta' taqlib, ta' biża', ta' dwejjaq fil-qalb), ma' l-ewwel *'alarm'* tal-limiti tagħna, irridu nibdew nagħrfu li fil-fond tal-qalb tagħna aħna miftuħa għal Alla,

nibdew nagħrfu fina ix-xewqa għal Alla, għall-ħniena tiegħu u fl-istess ħin il-bżonn li nikbru fit-tama. Hawnhekk jinsab il-kuntrast mal-bnedmin l-oħra, li jibqgħu magħluqin f'dan iċ-ċirku ta' taqlib: *"ruħhom ħierġà bil-biża' billi jobsru x'ikun ġej fid-dinja"*.

Il-kelma *"qumu"* qiegħda f'kuntrast mal-mara *"li kienet ilha tmintax-il sena bi spirtu li kien imarradha; kienet milwija ħafna; u ma kenitx tista' tieqaf dritta għal kollox"* (Lq 13, 11). Hija stedina għalina biex ma nibqgħux milwija taħt it-tentazzjoni, imma biex insiru ħielsa b'atteġġjament ta' akkoljenza għad-don tas-salvazzjoni.

*"Oqogħdu attenti, u qisu li l-ikel u x-xorb żejjed u s-sokor ma jmewwtulkomx qalbkom, u tħallux li l-ħafna tħassib għall-ħtiġijiet tal-ħajja jeħdilkom raskom"* (Lq 21,34):
Fil-mument li Alla jinżel fost il-bnedmin, id-dinja ma tagħrfux *ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx"* (Gw 1, 11 ). Nafu li quddiem it-tmiem ta' dak kollu li jgħaddi, is-sikurezzi kollha tagħna jispiċċaw, iżda fl-istess waqt jibqa' r-riskju li aħna nkomplu nfittxu sikurezzi foloz.

Meta nħossuna fil-periklu, jista' jiġri li qalbna tittaqqal: *"U l-Mulej qal lil Mose': 'Qalb il-Fargħun twebbset, u ma jridx jitlaq il-poplù"* (Eż 7, 14), u għalhekk nitilfu s-sensibilità u l-kapaċità li nkunu attenti għal dak kollu li jiġri madwarna.

Jista' jiġri wkoll li nittieħdu mill-mentalità tad-dinja li taljenana: *"Mbagħad ngħid lili nnifsi: Ruħi, għandek ħażna kbira ta' ġid għal bosta snin; mela strieħ, kul, ixrob, ixxala!' Iżda qallu Alla, 'Iblah li int!'..."* (Lq 12, 19-20). Eżempju ieħor jista' ikun ta' l-għani li *"l-hena tiegħu kien li jagħmel ikla mill-aħjar"* (Lq 16, 19-31).

Jista' jagħti l-każ li nkunu preokkupati żżejjed bil-ħajja li tgħaddi: *"Dawk li jaqgħu qalb ix-xewk huma dawk li jisimgħu, iżda aktar 'il quddiem l-inkwiet żejjed u l-għana u l-pjaċiri tal-ħajja joħnoqhom u l-frott tagħhom ma jsirx"* (Lq 8, 14); *"tinkwetawx ruħkom għall-ħajja, x'se tieklu, anqas għall-ġisem, x'se tilbsu"* (Lq 12, 22). Hemm il-periklu li nitilfu dak li hu essenzjali. Hawn jista' jiġri li aħna ningħalqu fina nfusna u nieħdu atteġġjament ta' rassenjazzjoni u passiviżmu. Jista' jiġri wkoll li ningħalqu f'xi rokna tal-passat tagħna u nibqgħu mwaħħlin hemm. Nistgħu nintilfu fl-attiviżmu; ningħalqu fid-dnub tagħna... u nitilfu kull tama ta' ħelsien veru.

*"Ishru, mela, u itolbu l-ħin kollu, biex tkunu tifilħu tgħaddu minn kull ma għandu jiġri u tieqfu quddiem Bin il-bniedem"* (Lq 21,36):
Quddiem iċ-ċertezza li nidhru "*quddiem Bin il-bniedem*", Ġesù qed jitlobna azzjonijiet deċiżivi. *"Ishru mela"*. Huwa imperattiv preżent, azzjoni kontinwa. Din is-saħra tikkonsisti fit-talb *"il-ħin kollu"*. It-talb u s-saħra jmorru flimkien: *"Mbagħad qalilhom parabbola biex jurihom li għandhom dejjem jitolbu bla ma jaqtgħu"* (Lq 18, 1ff.). It-talb iżommna mqajma u mill-banda l-oħra s-saħra tippermetti li nagħtu l-ħin għat-talb. It-talb isir għalhekk bżonn fina, biex:

- Ikollna ċerta qawwa: *"biex tkunu tifilħu tgħaddu minn dan kollu";*
- Nidħlu iżjed fil-preżenża t'Alla: *"tieqfu quddiem Bin il-bniedem";*

## Proposti Pastorali:

Tema prinċipali:

**L-Ispirtu jitlob fina: "*Ejja, Mulej Ġesù*"**

Matul din l-ewwel ġimgħa, wieħed jista jiproponi lill-komunità parrokkjali, xi mumenti partikolari ta' talb, bħal:

- Tifħir ta' sbiħ il-jum, kmieni filgħodu biex tingħata mportanza lis-sens tas-sahra.
- Tista' tingħata importanza f'dan is-sens lill-adorazzjoni li ssir f'dan l-ewwel Ħamis ta' l-Avvent; bħal Xebbiet għaqlija bl-imsiebaħ mixgħula f'idejna, nistennew lill-Għarus jiġi.
- Tista' tiġi proposta s-Sawma tal-istennija tal-Għarus li ġej. Hija differenti mis-sawm tar-Randan, għax hija sawma ferrieħa tal-istennija u mhux sawma penitenzjali.

## 2.2. It-Tieni Ħadd ta' l-Avvent

*"Leħen ta' wieħed jgħajjat"* (Lq 3,4)

"*Fis-sena ħmistax tal-ħakma ta' Tiberju Ċesari, meta Ponzju Pilatu kien gvernatur tal-Lhudija, Erodi tetrarka tal-Galilija… fiż-żmien meta l-uffiċċju ta' qassis il-kbir kien f'idejn Anna u Kajfa…*" (3,1-2). San Luqa jagħmel riferiment għal mument storiku determinat, u post preċiż: Jitlaq mill-istorja universali u jasal għal dik lokali, mhux biss dik profana iżda wkoll dik reliġjuża… bħallikieku ma teżistix aktar distinzjoni bejn Lhud u Pagani. Jissemmew seba ismijiet, aktarx Luqa jrid juri l-kompletezza tal-istorja. Ħafna minn dawn l-ismijiet jerġgħu jissemmew biss b'konnessjoni mal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù. "*L-ewwel ħaduh għand Anna, billi dan kien missier il-mara ta' Kajfa, il-qassis il-kbir f'dik is-sena.*" (Gw 18,13).

"*il-Kelma tal-Mulej qanqlet lil Ġwanni bin Żakkarija, fid-deżert.*" (3,2). F'dan il-kuntest storiku, aktarx negattiv. Il-Kelma hija l-protagonista, mhux Ġwanni l-Battista. Din il-Kelma mhix vaga jew teorika iżda konkreta u storika. "*Il-Kelma tal-Mulej ġietu fi żmien Ġosija bin Amon, sultan ta' Ġuda, fis-sena tlettax tas-saltna tiegħu*" (Ġer 1,3; Os 1,1). Il-post fejn tinżel din il-Kelma mhumiex il-palazzi tal-ismijiet importanti iżda d-deżert. Huwa post vojt u li ħadd ma joqgħod fih. Huwa hemm li l-bniedem jiltaqa' mal-verità tiegħu u ma' Alla (il-padri tad-deżert). Is-silenzju u l-isterilità tad-deżert huma l-aktar art fertili li lesta li tilqa' l-Kelma.

Id-deżert ifakkar fl-esperjenza tal-Eżodu: Hemm ħafna nies ħelsu mill-jasar u kisbu identità, saru poplu u sabu l-ħelsien fil-qadi lil Alla. Hemm kulħadd, il-poplu kollu kellu jiġġieled kontra l-istess diffikultajiet, il-ġuħ, il-periklu tas-sriep, l-għedewwa; il-poplu kollu sama' l-istess Kelma u qasam l-istess ħobż. Fid-deżert, ħadd ma jkollu aktar minn ħadd, anzi aktar ma jkollok aktar titfixkel. Dak li jkollok, jew taqsmu mal-oħrajn jew tarmih, inkella tista' tiġġieled u ġġib lil min jiġġieled fuqu. Fid-deżert, l-art taħraq taħt saqajk u ma tixtieqx tippossediha, anzi tixtieq taħrab minnha malajr kemm jista' jkun. Id-deżert jgħaqqad lil kull min jimxi fih, mhemmx distinzjoni bejn klassijiet, kulħadd huwa solidali fil-faqar u fit-tama li joħroġ minnu. Jekk wieħed jitbiegħed ftit mill-oħrajn, jista' jintilef u jirriskja li jmut.

Ġwanni jgħix fid-deżert biex juri li din hija l-verità tal-bniedem. Il-vojt tad-deżert iqarreb lill-bniedem lejh innifsu u lejn il-ħallieq tiegħu. Xejn ma jtellfu, mhemm l-ebda distrazzjoni. Proprju f'dan is-silenzju, il-bniedem jista' jisma' l-Kelma.

"*U ġie fl-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan, ixandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet...*" (3,3): Min kien jitgħammed fl-ilma (jogħdos taħt l-ilma) kien juri li huwa jagħraf il-limiti tiegħu ta' ħlejqa u jaċċetta din il-mewt simbolika. Il-bniedem jagħraf il-verità tal-mewt tiegħu iżda fl-istess waqt juri x-xewqa li jirbaħha. Hija magħmudija "*ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet*": mhix sempliċi rit, iżda titlob bidla tal-qalb u tal-moħħ. L-indiema hija realtà akbar minna. Il-maħfra hija rigal li ma nistgħux nimmeritawh bl-isforzi morali tagħna. "*Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema*" (Lq 5,32). L-importanti huwa li nagħrfu li aħna midinbin quddiemu. "Tidneb" ifisser tfalli l-mira, ma tolqotx. Il-bniedem jidneb meta ma jibqax iħares lejn Alla.

“*Leħen ta’ wieħed jgħajjat fid-deżert…*” (3,4): Ġwanni jħabbar lill-poplu l-faraġ ta’ Alla; hekk ifisser ismu. Jinqeda bil-kliem tal-profeta Iżaija li jħabbar il-ħelsien lill-poplu tiegħu li kien qalbu maqtugħa fil-jasar tal-Babilonja. Hija l-karba li toħroġ mid-deżert li fih kien il-poplu madwar 500 sena qabel Kristu.

“*Ħejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu*”: Idħlu fid-deżert ta’ qalbkom u hemm ħejju t-triq għall-Mulej. Il-“*widien*” huma l-inġustizzji, il-vojt, id-deppressjoni, id-dwejjaq, id-disperazzjoni, l-isfiduċja. Dawn jimtlew bil-fiduċja-fidi, l-ewwel don tal-ħniena ta’ Alla, il-fidi f’Alla li jista’ jwettaq dak li għall-bniedem ma jistax ikun. Il-“*muntanji*” u l-“*għoljiet*” huma l-kburija, is-suppervja u l-prepotenza. L-umiltà tgħin lill-bniedem ibaxxi il-“*muntanji*” u l-“*għoljiet*”.

“*U l-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta’ Alla*” (3,6): “*U kull “Σαρξ” jara s-salvazzjoni ta’ Alla*”: il-bnedmin kollha u fil-fraġilità tagħhom.

**<u>Proposti Pastorali</u>:**

Tema prinċipali:

**L-Ispirtu li jistedinna**
**għall-bidla tal-qalb u tal-moħħ**

Matul din il-ġimgħa wieħed jista’ jipproponi inizjattivi pastorali marbuta mal-konverżjoni, bħal:

- Katekeżi dwar is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni
- Ċelebrazzjoni komunitarja ta’ dan is-Sagrament. Tista’ ssir fuq livell ta’ kategorija: Ċelebrazzjoni penitenzjali mħejjija tajjeb għat-tfal, Ċelebrazzjoni adattata għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ, Ċelebrazzjoni għall-adulti.
- Jista’ jiġi organizzat is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni għall-morda u dawk li ma joħorġux minn djarhom
- Tista’ tingħata mportanza lill-konfessjonarju jew lill-post fejn jiġi ċċelebrat is-sagrament tal-Qrar b’tiżjin sempliċI, bħal xemgħa jew pjanti, possibilment mhux fjuri.
- Fil-bidu tal-ġimgħa, tista’ ssir l-istedina għan-Novena tal-Milied. Din tista’ ssir billi xi membri adulti tal-komunità parrokkjali jżuru l-familja kollha u jistednuhom b’invit, għal dan il-mument ta’ konverżjoni.

## 2.3. It-Tielet Ħadd ta' l-Avvent

*X'għandna nagħmlu? (Lq 3,10)*

"*Mela x'għandna nagħmlu?*" (Lq 3,10): Żgur li f'din id-domanda nistgħu nilmhu x'hemm fil-qalb tas-semmiegħa ta' Ġwanni - is-semmiegħa ta' Ġwanni għarfu l-iżbalji tagħhom, issa ma jafux liema pass imiss jagħmlu; fl-istess ħin, din il-mistoqsija turi d-disponibiltà tagħhom li jilqgħu dak li Alla jixtieq minnhom. Hija l-istess domanda li jagħmlu n-nies li jilqgħu l-aħbar tal-qawmien mill-mewt fil-jum tal-Pentekoste. "*Dan il-kliem li semgħu laqtilhom qalbhom, u qalu lil Pietru u lill-appostli l-oħra: l-aħwa x'għandna nagħmlu aħna? U Pietru weġibhom: Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesu Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom*" (At 2,37-38). Din hi l-ewwel mistoqsija għall-vera konverżjoni.

"*Min għandu żewġ ilbiesi, jaqsam ma' min ma għandu xejn, u min għandu x'jiekol jagħmel l-istess*" (Lq 3,11): Il-Battista jipproponi il-kondiviżjoni bħala l-ewwel frott tal-indiema vera. L-imħabba lejn il-proxxmu hija l-bażi tal-etika mxandra mill-Battista. Il-proposta ta' Ġwanni hija mmedjata ħafna: diversi nies kienu ġew mill-bogħod biex jisimgħuh jippriedka, kellhom bżonn għata biex jiddefendu ruħhom mill-kesħa tal-lejl, u ikel biex itaffu l-ġuħ. "*Alla jhobb lil min jagħti bil-ferh.*" Il-konverżjoni ma tħallix għal għada.

"*Resqu wkoll xi publikani biex jitgħammdu, u qalulu: Mgħallem, x'għandna nagħmlu aħna? U huwa weġibhom: Tissikkaw lil ħadd biex jagħtikom taxxi iżjed milli jmisskom tieħdu*" (Lq 3,12-13): Il-publikani kienu meqjusa bħala midinbin pubbliċi: tradituri, ħalliela, esklużi mill-komunità Lhudija u mil-kult fit-tempju. Dawn kienu l-ewwel li ħassew il-bżonn tal-ħellies. Ġwanni ma jitlobhomx bidla radikali iżda bidla li tista' tidher minima. Hekk tidher aktar il-ġratuwità tas-salvazzjoni, flimkien mal-ħniena li ttul minn nisel għal nisel. Ġesù kien meqjus bħala il-"*ħabib tal-pubblikani u tal-midinbin*" (5,29). Bħal Żakkew, meta l-midneb jiltaqa' ma' xi ħadd li jħobbu, jiltaqa' wkoll bis-serjetà mad-dnub tiegħu, u joħrog mil-loħika tal-egoiżmu u jidħol hu wkoll fil-loħika tal-Karità.

"*Staqsewh ukoll xi suldati u qalulu: U aħna, x'għandna nagħmlu? U huwa weġibhom: Tisirqu lil ħadd bit-tehdid jew bil-qerq tagħkom, u ikkuntentaw ruħkom bil-paga li għandkom*" (Lq 3,14): Anke is-sultdati kienu disprezzati mil-Lhud. Is-suldat huwa l-imħallas. "Assoldato" - dak li jigi mogħti s-soldi. Tkunux ilsira tal-flus - il-bnedmin jiġu qabel il-flus. Il-Battista ma jitlobx penitenzi ħorox, riti speċjali jew prattika axxetika. Ma jitlobx il-bidla tax-xogħol, jitlob il-bidla tal-qalb.

"*Il-poplu kien qed jistenna ħerqan, u kulħadd kien jistaqsi…*" (Lq 3,15): Il-widien jimtlew u l-għoljiet jitbaxxew daqskemm il-poplu jkollu ħerqa u jistenna s-salvazzjoni. Alla ma jagħtix is-salvazzjoni lil dawk li ma jixtiquhiex, lil dawk li ma jħossux il-bżonn tagħha.

"*…Ġej wieħed aqwa minni, li ma jisthoqqlix inħollu l-qfieli tal-qorq tiegħu. Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar*" (Lq 3,16): Is-salvazzjoni li Alla jrid jagħti lill-poplu tiegħu hija wisq akbar minn dik li jista' jimmagina l-bniedem - *ma jisthoqqlix inħollu l-qfieli tal-qorq tiegħu.* "*Jinħtieg jikber hu u niċkien jiena*" (Gw 3,30) U Ġesù

għalkemm iqisu bħala l-"*akbar fost dawk li twieldu minn nisa*", jistqarr li l-iżgħar fis-saltna tas-smewwiet huwa wisq akbar minnu (Lq 7,28).

"*u b'ħafna farag kien ixandar lill-poplu l-bxara t-tajba*" (Lq 3,18): Il-battista jkompli mal-ħsieb tal-profeta Iżaija li huwa jikwota (il-ktieb tal-konsolazzjonijiet ta' Iżaija 40-55). Il-kliem tal-Battista huwa konsolazzjoni, aħbar tajba għall-poplu. Ġwanni jirrepeti l-aħbar it-tajba ta' l-anġli ta' Betlehem (Lq 2,10)

"*Erodi… għalaq lil Ġwanni fil-ħabs*" (3,19-20): Il-Battista huwa figura u trasparenza ta' dak li jistenna. Jiġu maqful fil-ħabs u mbagħad maqtul minħabba l-adulterju tar-re. Erodi huwa sinjal tal-poplu nnifsu li minn dejjem jibdel u jiċħad lill-Għarus u Mulej tiegħu.

**Proposti pastorali:**

Tema prinċipali:

**L-Ispirtu li jimliena b'ferħ qaddis**

Matul din il-ġimgħa, wieħed jista' jipproponi inizjattivi ta' Karità u solidarjetà bl-iskop li jixtered il-ferħ ta' Kristu. Dawn jistgħu jkunu:

- Żjajjar lill-morda u l-anzjani mill-membri tal-komunità parrokkjali nfisha.
- Żjajjar fl-isptarijiet u fid-djar tal-anzjani.
- Ġbir ta' rigali għal tfal jew adulti fil-bżonn.
- Stedina biex f'kull familja jimbeda l-presepju, biex kull familja tgawdi mill-messaġġ ta' ferħ tal-Anġli lir-Rgħajja.

## 2.4. Ir-Raba Ħadd ta' l-Avvent

*"Hienja dik li emmnet"* (Lq 1,45)

"*F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet…*" (Lq 1,39-40): It-tqala ta' Eliżabbetta kienet is-sinjal tal-preżenza tad-divin fit-tħabbira lil Marija. L-għaġla turi l-ubbidjenza immedjata ta' Marija għall-kliem tal-anġlu. "*U David ġàma l-aħjar nies ta' Iżrael, tletin elf ruħ. Mbagħad David qam u telaq bil-poplu kollu miegħu biex italla minn hemm l-arka ta' Alla, li ġġib l-isem tal-Mulej ta' l-eżerċti, li qiegħed fuq il-kerubini. U għabbew l-arka ta' Alla fuq karru ġdid u ġarrewha mid-dar ta' Abinadab, li kienet fuq l-għolja.*" (2Sam 6,1-3).

"*Daħlet għand Żakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha*" (Lq 1, 40-41a): Il-"*hienja li emmnet*" (Lq 1,45) tidħol fid-dar ta' dak li "*ma emminx il-kliem tal-anġlu*" (Lq 1,20) għalkemm ismu kien "*Alla jiftakar*" (Żakkarija).

Marija kienet "*partenon*" – xebba u Eliżabbetta kienet sterili. Alla juri l-qawwa tiegħu sewwa sew fejn hemm id-dgħajjef (1Kor 1,25). Fl-Antik Testment niltaqgħu ma' diversi nisa sterili li ġew magħżula għall-missjoni kbira. Sara, mart Abram, u li minna twieled Iżakk, Anna omm Samwel, Rakel il-mara maħbuba minn Ġàkobb, omm Ġużeppi u Benjamin. Bħal dawn in-nisa kienet Eliżabbetta, omm Gwanni. Alla jibni l-proġetti tiegħu fuq id-dgħufija tal-bniedem. "*Ulied ma kellhomx, għax Eliżabbetta ma setax ikollha, u t-tnejn kienu mdaħħlin fiż-żmien… it-tnejn kienu nies ġusti quddiem Alla u jimxu bla nuqqas ta' xejn skond il-preċetti u l-kmandamenti tal-Mulej*" (Lq 1,6-7). L-isterilità, il-verġinità, mhumiex għajr wisa, vojt fil-qalb, post fejn jista' jgħammar Alla.

"*it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha*": Marija, Eliżabbetta, Ġwanni fil-guf ta' ommu, ilkoll jimtlew bil-ferh u bl-Ispirtu s-Santu. Imbagħad wara, Żakkarija, ir-rgħajja, Xmuni u Anna. Hekk kien qal l-anglu lil Żakkarija: "*u jimtela bi spirtu qaddis sa min ġuf ommu*" (Lq 1,15). Aktar tard, f'Pentekoste, kull min jemmen jimtela bl-Ispirtu s-Santu u bil-ferħ. Ġwanni juri lill-Eliżabbetta li t-tarbija li hemm fil-ġuf ta' Marija hija l-Mulej li għandu jigi.

"*U nfexxet f'għajta kbira u qalet: Mbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?*" (Lq 1,42-43): Hekk il-poplu ta' Iżrael laqa' l-arka tal-patt. "*U David qiegħed xi wħud mil-Leviti għas-servizz quddiem l-arka tal-Mulej biex ifakkru, iroddu l-ħajr, u jfaħħru lill-Mulej, Alla ta' Iżrael.*" (1Kron 16,4; ċfr 16,5.42; 2Kron 5,13). Luqa jqiegħed f'xofftejn Eliżabbetta espressjoni li kienet tingħad għan-nisa eroj tal-AT, u jpoġġi dan kollu f'kuntest liturġiku. "*U Għużżija qalilha: Mbierka int, binti, minn Alla l-Għoli, mbierka fost in-nisa kollha tad-dinja...*" (Gdt 13,18). F'dan kollu jinstama l-eku tal-qima li kellha l-knisja tal-bidu lejn Marija. L-espressjoni ta' Eliżabbetta tixbaħ lil dik ta' David: "*Kif jista jkun li l-arka tal-Mulej tidhol għandi?*" (2Sam 6,9) għalkemm hawn il-kuntest mhux wieħed ta' biża' iżda ta' qima u meravilja.

"*Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ.*" (Lq 1,44): Eliżabbetta tirrakkonta l-esperjenza interjuri tagħha lil

Marija. Komunikazzjoni pożittiva għandha l-qawwa li tiftaħ il-qalb u tagħti liberta' lill-persuna.

*"Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej!"* (Lq 1,45): Il-kobor ta' Marija jinsab fil-fatt li hi għamlet il-wisa' fiha biex tkun tista' tgħammar il-Kelma. Din il-Kelma saret laħam f'Ġesù. Dan kollu jista' jiġri fid-dixxiplu: *"waħda mara għolliet leħinha min qalb il-folla u qaltlu: Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt! Iżda hu qalilha: imma tassew ngħidlek, aktar hienja dawk li jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jħarsuha!"* (Lq 11,27-28).

**Proposta pastorali:**

Tema prinċipali:

**L-Ispirtu li jgħajjat:**
**"Ara l-għarus, oħorġu ilqgħuh"**

Fil-quddies tar-raba' Ħadd tal-Avvent issir insistenza biex kull membru tal-komunità parrokkjali jkun preżenti biex jiċċelebra l-Misteru tat-Twelid tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, fl-Ewkaristija ta' nofs il-lejl.

# 3. L-Ikona ta' l-Omm ta' Alla: Sinjal

L-ikona Marjana li għandna quddiemna hi magħrufa bħala "l-Ikona ta' l-Omm t'Alla: SINJAL". Oriġinarjament din l-ikona kienet fil-Katidral ta' Jaroslavl. L-importanza ta' din l-ikona tidher mid-daqs tagħha (194 x 120ċm) u mill-fatt li taħt din l-ikona kien hemm is-Sedja ta' l-Isqof. L-ikona hija tas-seklu XIII u llum tinsab fil-mużew ta' Tret'jakov f'Moska, ir-Russja.

**Daħla**

L-ikona turina lill-Verġni Marija wieqfa, b'idejha miftuħa u b'ċirku fuq ġufha li fih jidher Kristu b'idejh miftuħa. Marija tinsab liebsa lbies imperjali: tidher liebsa l-porpra u żarbun aħmar u wieqfa fuq tapit ta' l-istess kulur. Fil-ġnub jidhru l-arkanġli Gabrijel u Mikiel, u t-tnejn qed iżommu s-sinjal tal-Fidwa tal-bniedem: is-Salib. Bħal kull ikona, l-isfond tagħha hu miksi bid-deheb.

Bla dubju ta' xejn din l-ikona tgħinna nagħmlu meditazzjoni mill-ibaħ fuq il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni; u minħabba f'hekk nistgħu nsejħulha l-"Ikona ta' l-Avvent".

**L-Isem**

L-ikona hi magħrufa l-aktar bħala **"L-Omm ta' Alla: Sinjal"**. Bħal ħafna mill-ikoni marjani, l-isem ta' l-ikona jaf ;il-bidu tiegħu fil-Kotba Mqaddsa. Fil-ktieb tal-profeta Iżaija naqraw: "Għalhekk **is-sinjal** jagħtihulkom Sidi stess: Araw, ix-xebba titqal u tiled iben..."; waqt li fil-ktieb ta' l-Apokalissi nsibu: "U deher **sinjal** kbir fis-sema: mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha." Marija hija dan "is-sinjal" imħabbar, hija dik li turina u twasslilna lil Kristu, l-awtur tal-Fidwa tagħna. Interessanti huwa l-fatt li din l-ikona għandha tliet ismijiet, u kull isem jagħtina t-tifsira partikulari tagħha.

***Platytera ton ouranon***

Huwa l-ewwel isem mogħti lil din l-ikona mill-insara tal-Greċja, u jfisser "**Dik li hija akbar mis-smewwiet**". Meta nieqfu biex nimmeditaw il-Misteru li seħħ mal-Verġni Marija mill-ewwel irridu niftakru li qegħdin quddiem misteru kbir. Maraija tlaqqagħna mal-pjan kbir ta 'Alla mal-bniedem, il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. "Il-misteru li kien moħbi sa miż-żminijiet u l-ġenerazzjonijiet kollha" (Kol 1,26) issa hu mgħarraf lill-bnedmin kollha. Misteru moħbi li issa ġie rivelat, għax "meta waslet il-milja taż-żminijiet Alla bagħat lil Ibnu mwieled minn mara" (Gal 4,4). Il-Mara, li biha l-misteru tal-ħniena u ta' l-imħabba ta' Alla lejn il-bniedem ġie muri lilna, na hi ħadd għajr il-Verġni Marija. F'din l-ikona Marija tidher qed iġġorr f'ġufha l-Verb ta' Alla, lil Dak li "fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art... Kollox bih u għalih kien maħluq, hu li hu qabel kollox, u kollox fih qiegħed iżomm." (Kol 1,16-17) Dak li s-sema u l-art ma jesgħuhx, issa jinsab fil-ġuf verġni tax-Xebba ta' Nazaret.

***Znamenie***

Marija hija s-Sinjal, il-mara mħabbra mill-profeta Iżaija. Hija s-sinjal li Alla nnifsu jagħti lill-poplu tiegħu: "Isimgħu, mela, dar David... Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom

Sidi stess: Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-el" (7,14). Hija s-sinjal imħabbar minn Ġwanni fil-ktieb ta' l-Apokalissi: "U deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx..." (12,1). Hekk nibet it-tieni isem li ngħata lil din l-ikona mill-Popli Slavi.l Din l-ikona għandha devozzjoni kbira fost dawn il-poploi, u l-festa tagħha tiġi ċċelebrata fis-27 ta' Novembru.

Marija hija s-SINJAL ta' Alla lilna; il-preżenza u l-missjoni ta' Marija Santissima fil-ħajja tan-nisrani hija dik li tfakkarna li Alla huwa magħna, huwa "l-Għemmanuel". Spiċċat il-firda bejn Alla u l-bniedem li ġabet Eva bid-diżubbidjenza tagħha lil Alla. Marija, Eva l-ġdida,bl-ubbidjenza tagħha għall-kelma ta' Alla ġabet mill-ġdid il-paċi: f'ġufha seħħ il-misteru tar-rikonċiljazzjoni bejn Alla u l-bniedem. Naqraw fil-ktieb talĠenesi li meta Adam u Eva dinbu staħbew, iżda Alla niżel ifittex lil Adam u sejjaħlu (ara Ġen 3,6-21). Alla, li huwa mħabba, irid li l-bniedem jingħaqad miegħu mill-ġdid, iżda l-bniedem bid-dnub tiegħu jitbiegħed minn u jisfa' barra mill-ġnien ta' l-Għeden. Issa Alla jerġa' jinżel fil-ġnien biex jgħannaq miegħu l-umanità. Dan il-ġnien ma hu ħadd għajr il-Verġni Marija. Fil-ġuf safi tal-Verġni Marija sseħħ ir-rikonċilazzjoni bejn Alla u l-Bniedem. Permezz ta' l-Inkarnazzjoni tal-Verb ta' Alla fil-ġuf ta' Marija Alla u l-bniedem jingħaqdu flimkien f'għaqda ta' mħabba!

Mela l-istedina ta' Marija hi waħda: li nersqu lejn Alla, ma nħallux id-dnub ikissirna, iżda nagħmlu kuraġġ u nersqu fi ħdanu nitolbu l-maħfra ta' dnubietna. Ma ninsewx li l-isem ta' Ġesù jfisser li "jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom" (Mr 1,21). Ġesù sar bniedem u għammar fostna biex iħabbibna mal-Missier u jagħtina l-maħfra ta' dnubietna. Jeħtieġ li nieqfu u nirriflettu dwar il-misteru ta' l-imħabba ta' Alla li seħħ f'Marija, u li Ġwanni l-evanġelista jfissru fi ftit kliem fl-ewwel ittra tiegħu: "Dehret l-imħabba ta' Alla għalina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdien bid-dinja biex ngħixu bih. U hawn qiegħda l-imħabba: mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna." (1 Ġw 4,9-10)

### *Blachernitissa*

Dan it-tielet isem ġie mogħti lil din l-ikona mill-popli Russi. *Blachernitissa* jfisser "**Dik li hija wieqfa bħal ħajt li ma tistax iġġarrfu**". Marija tinsab b'idejha miftuħa quddiem ~Alla, kull ħin titlob għalina u tidħol għalina biex xejn ma jfridna minn Kristu Binha. Marija hija bħal sur qawwi li ħadd ma jista' jkissru, għax hija kollha kemm hi ta' Alla.

L-idejn tal-Verġni Marija miftuħa u merfugħa lejn is-sema qed juruna wkoll il-karattru ta' din il-mara. Marija hija dejjem lesta biex tilqa' dpdoni ta' Alla. Hija dejjem lesta biex tagħmel ir-rieda ta' Alla għaliex, kif tistqarr hi stess, hija "il-qaddejja tal-Mulej" (Lq 1,38). Il-qaddej huwa dak li hu dejjem attent għall-kelma tas-sid tiejgħu u fl-isgtess ħin jinsab dejjem lest biex jagħmel dak li jiġi mitlub minnu.

Marija tinsab fil-glorja tas-sema, b'idejha miftuħa tfaħħar lil Alla s-Salvatur tagħha u ta' kull bniedem. Mela Marija hija l-Verġni per eċċellenza li dejjem tishar fit-talb u fit-tifħir lil Alla; hija l-mara li laqgħet "il-qawwa ta' l-Għoli" għaliex ħajjitha kienet taħt id-dell ta' l-Ispirtu s-Santu (ara Lq 1,35; At 1,14; 2,1-4); hija l-Għarusa li tistenna l-miġja ta' l-Għarus divin. Għalhekk Marija hija l-figura tal-Knisja u tan-nisrani li ħajtu hija stennija għat-tieni miġja tas-Salvatur. In-nisrani jishar billi jkun dejjem lest biex iwettaq ir-rieda ta' Alla u bħal Marija għandu l-missjoni li jwassal lil Kristu kull fejn ikun.

**L-ikona għal żmien l-Avvent**

Din l-ikona għandha tifsira sabiħa għal żmien l-Avvent. Xbieha oħra ferm sabiħa li tista' tintuża għal dan iż-żmien hija x-xbieha tal-Madonna tal-Verbum Dei li mar jagħtina l-Beatu Ġorġ Preca. Waqt li fl-ikona li tkellimna dwarha fil-ġuf ta' Marija jidher Kristu jbierek l-umanità, fil-figura marjana ta' Dun Ġorġ jidhru l-kelmiet "**Verbum Dei caro factum est**", li jfissru "**l-Iben t'Alla sar bniedem**" fil-ġuf tal-Verġni mbierka.

L-Avvent huwa ż-żmien ta' stennija, anzi, kif jgħallimna l-Papa Pawlu VI fl-eżortazzjoni apostolika *Marialis cultus*, iż-żmien ta' l-Avvent huwa żmien partikularment Marjan (nn.3,4). Hu jkompli jurina kif il-Verġni Marija tgħinna ngħixu l-Avvent. Marija turina kif għandna nishru: "Il-fidili, waqt lijgħixu l-ispirtu ta' l-Avvent fil-liturġija, jaħsbu dwar l-imħabba bla qies li biha l-Omm Verġni stenniet lil binha, u huma mistiedna biex jeħduha bħala mudell u jħejju rwieħhom biex jilqgħu 'l-Feddej i għandu jiġi. Huma għandhom iħabirku fit-talb u jifirħu."

Ħajjitna hija avvent, stennija tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu; għaliex kif ngħidu f'kull quddiesa aħna "nħabbru l-mewt tiegħek, Mulej, inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek, **nistennewk tiġi fil-glorja**". Marija tinsab wieqfa f'nofs il-poplu ta' Alla biex tfakkar li ż-żmien qorob, għaliex hija bħaż-żernieq ta' filgħodu li jħabbar il-wasla ta' Jum Ġdid, il-wasla tad-Dawl: KRISTU!

Hekk issellem il-Knisja tal-Lvant lill-Verġni Marija Omm Alla:
Ave, Omm ta' Alla u Safja ta' Iżrael!
Ave, int li ġufek huwa akbar mis-smewwiet!
Ave, int kollok qaddisa, o Tron tas-Sema!
Ave, int li tħaddan lil Dak li kollox fih iżomm!

(It-tifsira ta' l-ikona hi meħuda mir-rivista "Madonna ta' Pinu" – Ottubru-Diċembru 2004, 24-26.)

# L-Ikona: Omm ta' Alla: Sinjal



"Ave, Omm ta' Alla, O Safja ta' Iżrael!
Ave, int li ġufek hu akbar mis-smewwiet!
Ave, O Qaddisa, O Tron tas-Sema!"

*(Kitba li nstabet fuq papiru, seklu VI)*

NEWSPAPER POST

# 4. Proposti Pastorali għal matul iż-żmien ta' l-Avvent

### a. Ambjent Liturġiku

- Ikun jaqbel li mill-ewwel Ħadd sas-Sibt tat-tieni Ġimgħa ta' l-Avvent l-artal ikun imżejjen bi pjanti ħodor u mhux bil-fjuri.
- Fit-tielet Ħadd ta' l-Avvent jistgħu l-artal jista' jiġi mżejjen bi fjuri preferibilment ta' kulur roża; li jesprimi l-ferħ tat-tama.
- Billi ż-żmien ta' l-Avvent huwa ż-żmien Marjan per eċċellenza, għandu jingħata valur partikolari lis-solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni.
- Għal dan iż-żmien, huwa suġġerit li tiġi esposta waħda mill-Ikoni Marjani klassiċi marbuta ma' dan iż-żmien, bħal l-ikona tal-annunċjazzjoni, l-ikona taż-żjara, l-ikona tas-Sinjal (tifsira ta' din l-ikona tinsab f'dan is-sussidju).
- L-Avvent huwa żmien ta' sahra u stennija. Għalhekk wieħed jista' jpoġġi s-sinjal tal-10 imsiebaħ, li jirrappreżentaw il-ħames xebbiet għaqlija u l-ħames xebbiet boloh.
- Wieħed jista' wkoll ipoġġi x-"xemgħat tal-Avvent". Dawn huma tlett xemgħat ta' kulur vjola u waħda ta' kulur roża. It-tlieta vjola jirrappreżentaw l-ewwel, it-tieni u r-raba Ħadd ta' l-Avvent, waqt li dik roża tirrappreżenta Ħadd il-ferħ, jiġifieri t-tielet Ħadd ta' l-Avvent. Tajjeb li jekk isir dan is-sinjal, tingħata t-tifsira spiritwali tiegħu; kif ukoll il-mixgħela tax-xema ssir f'kuntest ta' talba.

### b. Il-Kant liturġiku

- Ta' min jinkoraġixxi li mill-ewwel Ħadd sa' qabel ma tibda' n-Novena tal-Milied, ir-repertorju tal-kant ma jkunx wieħed Natalizju. Imma għandu jkun marbut l-aktar mal-istennija tat-tieni miġja.
- Matul l-ewwel parti tal-Avvent, anke fil-quddies ferjali, tista tingħata mportanza lill-att penitenzjali, per eżempju titkanta il-"Kyrie Eleison".
- Meta tibda n-Novena tal-Milied il-kant ikun marbut mat-tifkira tal-ewwel miġja tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem f'Betlehem.

### c. L-ilbies liturġiku

- Ikun opportun li fit-tielet Ħadd tal-Avvent, il-kulur, kemm tal-pjaneta kif ukoll tat-terħa tal-artal ikun roża. Dan biex jiġi mmarkat il-ferħ tal-miġja tal-Mulej li issa hu fil-qrib.

### d. Katekeżi liturġika

- Is-Sibt filgħaxija, qabel l-ewwel Ħadd, tista' ssir it-Tħabbira tal-Avvent. Tista' ssir jew fl-Ewkaristija jew f'Ċelebrazzjoni tal-Kelma. Fit-Tħabbira il-poplu ta' Alla jiġi muri s-sinifikat ta' dan iż-żmien għażiż; u jiġi mħeġġeġ biex iqum min-ngħas u jgħix dan iż-żmien fi spirtu ta' sahra u stennija.
- L-Avvent huwa ż-żmien tal-istennija tal-Kelma ta' Alla li ssir bniedem u tgħammar fostna. Tkun ħaġà sabiħa li matul dan iż-żmien il-Kelma ta' Alla jkollha post prominenti. Fil-bidu ta' dan iż-żmien tista' ssir Ċelebrazzjoni tal-intronizzazzjoni tal-Kelma.
- Ikun jixraq li matul l-ġranet ferjali tal-Avvent issir omelija qasira fuq il-qari tal-Quddiesa

## 5. Proposti għan-Novena tal-Milied

### "L-Ispirtu u l-Għarusa jgħidu: 'Ejja'!"

Linji ġenerali għal Novena b'tema marbuta mal-Pjan Pastorali Djoċesan:

**L-Ispirtu s-Santu u l-missjoni tan-nisrani**
"Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin." (Ġw 13,34)

F'dawn il-linji sar tentattiv (xi drabi ftit furzat) biex il-qari tal-ġurnata jiġi mqabbel ma' wieħed mid-disa' frottiet ta' l-Ispirtu s-Santu (Gal 5,22) kif ukoll ma' sinjal aktar viżibbli li jfakkar fl-Ispirtu s-Santu.

| **Il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru:** |
|---|

**Frott ta' l-Ispirtu huwa r-Razan, il-Qawwa**

Is 48,17-19
Mt 11,16-19

"Ġie Ġwanni, li la kien jiekol u lanqas jixrob…"

**Sinjal**: l-ilma

| **Is-Sibt 16 ta' Diċembru:** |
|---|

**Frott ta' l-Ispirtu huwa s-Sabar**

Sir 48,1-4.9-11
Mt 17,10-13

"Elija diġà' ġie, u huma baqgħu ma għarfuhx, iżda għamlulu li riedu. Hekk ukoll Bin il-Bniedem għad irid isofri minnhom."

Sinjal: Żerriegħa, rimja.

**Il-Ħadd 17 ta' Diċembru:**

### Frott ta' l-Ispirtu huwa l-HENA

Sof 3,14-18a
Fil 4,4-7
Lq 3,10-18

"Ifirħu dejjem fil-Mulej: nerġà' ngħidilkom, ifirħu"
"U b'ħafna twissijiet oħra kien ixandar lill-poplu l-Bxara t-Tajba"

**Sinjal**: l-inbid, mejda mħejjija.

**It-Tnejn 18 ta' Diċembru**

### Frott ta' l-Ispirtu hija t-TJIEBA

Ġer 23,5-8
Mt 1,18-24

"Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust, u li ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, għamel f'rasu li jibgħatha bil-moħbi tan-nies."

**Sinjal**: l-inċens

**It-Tlieta 19 ta' Diċembru**

### Frott ta' l-Ispirtu hija l-FIDI

Imħ 13,2-7.24-25a.
Lq 1,5-25

"U ara, talli inti ma emmintx kliemi, li għad iseħħ meta jasal il-waqt, inti se tkun imsikket…"

**Sinjal**: id-Dawl (xemgħa)

## L-Erbgħa 20 ta’ Diċembru

### Frott ta’ l-Ispirtu huwa s-Sliem

Is 7,10-14
Lq 1,26-38

“Sliem għalik Marija, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek”

**Sinjal**: il-ħamiema

## Il-Ħamis 21 ta’ Diċembru

### Frott ta’ l-Ispirtu hija l-Imħabba

Għan.2,8-14
Lq 1,39-45

“F’dawk il-ġranet, Marija qamet u marret tħaffef fuq il-għoljiet, f’belt tal-Lhudija.”

**Sinjal**: In-nar

## Il-Ġimgħa 22 ta’ Diċembru

### Frott ta’ l-Ispirtu hija l-Ħlewwa

1Sam 1,24-28
Lq 1,46-55

“Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej u l-Ispirtu tiegħi jifraħ f’Alla s-Salvatur tiegħi, għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.”

**Sinjal**: il-fwieħa (balzmu)

## Is-Sibt 23 ta’ Diċembru

### Frott ta’ l-Ispirtu hija l-Ħniena

Mal 3,1-4.23-24
Lq 1,57-66

“Il-ġirien u qrabatha semgħu li l-Mulej wera ħniena kbira magħha, u marru jifirħu magħha.”

**Sinjal**: iż-żejt

## Werrej


1. Tħabbira ta' l-Avvent ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 2

   a. Avvent – Adventus ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 2
   b. Avvent fil-Knisja
   c. Meta daħal l-Avvent fil-Liturġija tal-Knisja? ... ... ... ... ... ... ... 2
   d. Avvent – Iż-Żmien ta' Kristu – Il-Miġja doppja ... ... ... ... ... ... ... 3
   e. Avvent – Żmien ta' l-Ispirtu – Il-Prekursur tal-Prekursuri ... ... ... 4
   f. Avvent – Żmien ta' Marija – Il-Verġni fl-istennija ... ... ... ... ... 4
   g. Avvent – Żmien il-Knisja Missjunarja u Pellegrina ... ... ... ... ... 5
   h. Il-Qari tal-Ħdud ta' l-Avvent – Sena Ċ

2. Riflessjonijiet dwar il-Vanġelu tal-Ħdud ta' l-Avvent – Sena Ċ ... ... ... 6

   a. L-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent: "Ishru u itolbu l-ħin kollu" ... ... ... 6
      i. Proposti Pastorali: L-Ispirtu jitlob fina: "Ejja, Mulej Ġesù" . 8
   b. It-Tieni Ħadd ta' l-Avvent: "Leħen ta' wieħed jgħajjat" ... ... 9
      i. Proposti Pastorali: L-Ispirtu li jistedinna għall-bidla tal-moħħ u tal-qalb ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 10
   c. It-Tielet Ħadd ta' l-Avvent: "X'għandna nagħmlu?" ... ... ... ... 11
      i. Proposti Pastorali: L-Ispirtu li jimliena b'ferħ qaddis ... ... 12
   d. Ir-Raba' Ħadd ta' l-Avvent: "Hienja dik li emmnet" ... ... ... ... 13
      i. Proposta Pastorali: L-Ispirtu jgħajjat: "Ara l-għarus, oħorġu ilqgħuh" ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 14

3. L-Ikonta ta' l-Omm ta' Alla: Sinjal ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 15

4. Proposti pastorali għal matul iż-Żmien ta' l-Avvent ... ... ... ... ... ... 19

   a. Ambjent liturġiku
   b. Il-Kant liturġiku
   c. L-Ilbies liturġiku
   d. Katekeżi liturġika

5. Proposti għan-Novena tal-Milied ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 20